MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Awwissu, 2014

Numru. 768/2006

**Artikoli 325 (b) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Raymond D'Anastas)**

**vs**

**JOSEPH ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH ZAMMIT** ta' 48 sena bin George u Christina nata Azzopardi imwieled fl-24 ta' Novembru 1957 u residenti Flat 6, Qasam Hal-Tmiem, Block P, Zejtun detentur ta' ID Card Numru 808457M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

Nhar it-23 ta' Settembru, 2005 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija gewwa Hal-Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt Lira Maltin imma hija izjed minn hamsin Lira Maltin u dan ghad-dannu ta' Jospehine Borg minn Hal-Qormi liema hsara saret fuq vettura numru HMY 242;

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija u jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Josephine Borg u l-familja taghha u dan a tenur tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. RDA1 a fol. 7, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Awwissu, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. RDA2 a fol. 8 u l-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. RDA3 a fol. 9 et sequitur tal-Process.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan skond l-ezami li sarlu nhar l-10 ta' Novembru 2006 (fol. 14 ta' l-atti).

Illi nhar l-10 ta' Novembru, 2006 xehed **PS 403 James Grech** u spjega li qieghed jesebixxi okkorenza tal-Pulizija rigwardanti dan il-kaz liema okkorenza dahhalha hu u hija ffirmata minnu u din giet esebita bhala Dok. PJG 1. Spjega fl-okkorrenza li Josephine Borg kienet irraportat l-ghassa li waqt li bintha Amanda Borg kienet fil-karozza mal-gharus taghha David Muscat li kienet ipparkjata hdejn il-garaxx ta' Carmelo Farrugia, habib ta' dan l-imsemmi Carmelo Farrugia certu Joseph Zammit waqaf bil-bus tieghu quddiem il-garaxx ta' dan Carmelo Farrugia. Dan Zammit hareg pipe u beda jahsel il-bus u waqt li kien qed jaghmel hekk waqqab xi ilma fuq il-vettura ta' David waqt li tbissem. Spjegat li mbaghad Amanda cemplet lil ommha u qaltilha dak li kien gara. Josephine marret tkellem lil Joseph Zammit u staqsietu ghaliex kien waddab l-ilma u

dan beda jghajjarha u jghidilha 'Ja Pufta' fost kliem oxxen iehor. Qalet li fil-hin inqalghet glieda bejniethom u hareg ukoll Carmelo u hebb ghaliha. Meta David ra hekk intervjena biex ighin lil Josephine u spicca fil-glieda wkoll. Jghid li Amanda li dak il-hin kienet barra mill-karozza giet milquta minn Joseph Zammit u qallha 'mhux apposta'. Ilkoll marru l-ghassa u gew mitkellma mill-pulizija u lkoll talbu li tittiehed azzjoni. Spjega wkoll li Josephine rraportat li l-minibus garbet xi hsarat fuq il-bieb ta' quddiem tan-naha tal-lemin kif ukoll fil-bieb tal-lemin li huwa 'sliding'. Zammit spjega li kif waqaf bil-bus, Josephine waqfet il-*mini bus* taghha u bdiet tigbidlu xaghru ghal xejn u mbottaha 'l hemm. Jghid li l-hames minn nies involuti lkoll kellhom certifikat mediku bil-griehi li sofrew waqt li Josephine pprezentat ukoll stima tal-hsarat li kien hemm.

Illi nhar l-10 ta' Novembru, 2006 xehed **Paul Ciappara** fil-kapacita tieghu ta' Direttur tal-Kumpanija Euro Star Automotives. Spjega li din il-kumpanija tirranga u ssewwi l-karozzi. Esebixxa bhala Dok. PCP 1 dokument stima rigwardanti vettura tal-marka Ford mudell Transit Mini Bus, numru tal-licenzja HMY 242 u liema stima saret mill-kumpanija tieghu. Spjega li dan id-dokument huwa ffirmat minnu. Dwar dan id-dokument spjega illi kienet marret Josephine Borg ghandhom bil-mini bus u talbithom jaghmlu stima tal-hsarat li kellha u dawn huma ndikati fuq l-istess dokument li ghadu kif esebixxa u kkonferma li sa fejn jaf hu dan ix-xoghol ghadu ma sarx. Spjega li Josephine Borg hija l-parte civile li qed jaghraf prezenti fl-

Awla. Din l-istima li esebixxa tkopri kollox inkluz parts u *labour* u l-VAT. Spjega li biex isiru t-tiswijiet necessarji jrid jizzarma l-genb tal-bieba naha tal-lemin. Imbaghad irid jigi zarmat in-naha tax-xellug tal-genb ta' wara. Imbaghad jkunu jsiru t-tiswijiet u *spray*.

Illi nhar l-20 ta' Gunju, 2008 xehdet **Josephine Borg** u spjegat li fit-23 ta' Settembru 2005 ghall-habta ta' xi l-hdax u nofs (11.30) ta' bil-lejl, hija kienet ghamlet rapport fl-Ghassa tal-Pulizija Hal-Qormi u dan wara li bintha Amanda Borg kienet cemplitilha waqt li hija kienet qieghda fuq ix-xoghol u qaltilha: "*Guzeppi gie u xarbilna l-karozza.*" Qaltilha wkoll li dak il-hin hi kienet qieghda mal-gharus taghha. Hija xogholha huwa *mini bus driver*. Hija ssuq vann li huwa taghhom personali u li ghandu numru tar-registrazzjoni HMY 242.

Tghid illi lil bintha wegbitha "*Mela ha jibqa sejjer hekk*?" u qalet lit-tifla li kienet ser tmur fuq il-post biex tkellem lil dan Guzeppi. Spjegat illi r-referenza ghal dan Guzeppi huwa Joseph Zammit li gharfitu bhala l-imputat prezenti fl-awla. Hija marret fejn il-*garage* ta' Joseph Zammit. Bintha kienet ipparkjata fejn id-dar taghhom. Id-dar taghha jisimha 'Stefmand', Triq ic-Cawsri, Qormi u l-*garage* tal-imputat qieghed vicin id-dar taghha.

Bintha qaltilha li l-imputat ma kienx qieghed hemm hekk, cioe' kien qieghed go *garage* iehor. Hija marret f'*garage* iehor u ftit 'il fuq sabet lill-imputat prezenti. Hija ghajtitlu minn barra. Hu hareg

u qaltlu: "*Guzeppi, ha nibqghu sejrin hekk?"* Qaltlu biex ihallihom bi kwiethom u rrispondiha li hu ma kien ghamel xejn hazin u wegbitu li hu kien xarrab il-karozza lit-tifla. Qaltlu li ma kinitx ix-xita, kien is-sajf. U hawn xtaqet tippreciza li l-karozza kienet tal-gharus tat-tifla. U qaltlu wkoll li hu kien ghaddielhom xi kumment u mbaghad huwa rrisponda li dak ma kienx veru. Imbaghad l-imputat qalilha l-kliem "*Ja pufta tini*." Biss hija qaltlu li hija ma hijiex pufta. Qaltlu li lilha lesbjana jista' jghidilha ghalkemm lesbjana ma hijiex. Qalilha biex taghtih daqqa ta' ponn u rrispondietu li ma kinitx ser taghtih daqqa ta' ponn. Spjegat illi qaltu wkoll li hu ma setax imiss lilha. Hu qabad u ta daqqa ta' ponn.

Qabdu jillatikaw. Hija biex tiddefendi ruhha, tat ukoll daqqa ta' ponn lill-imputat. Baqghu jillatikaw. Dana mbaghad tefaghha fuq il-bieba, liema bieba tigri bir-*railing*, li qieghda fuq ix-xellug tal-vann taghha. Baqghu jillatikaw. Marret it-tifla biex tghinha u mar ukoll l-gharus taghha. Imbaghad hareg sieheb l-imputat. Spjegat li dan il-habib tal-imputat jismu Charlie ... Charles, pero’ spjegat li ma setghetx tiftakar x’kunjomu. Spjegat illi kemm l-imputat u kemm dan siehbu Charlie, qabduha t-tnejn (2) minn xaghrha, dawwruha dawra u tefghuha mal-art. Spjegat illi bintha u l-gharus taghha pruvaw jghinuha, dawn l-irgiel u cioe' l-imputat u siehbu Charlie, heddewhom li jekk jghinu lilha jaqbdu jaghtuhom.

L-imputat ta daqqa ta' ponn lil bintha u tefghaha ma l-art. Hija mbaghad meta rat illi l-imputat ta lil bintha, rrabbjat hafna ghalih. Spjegat illi mbaghad, pero' hawnhekk, ma tiftakarx jekk kienx l-imputat jew siehbu Charles, li ta daqqa ta' ponn lill-gharus tat-tifla. Pero' spjegat illi lit-tifla kien zgur l-imputat li taha daqqa bil-ponn. Spjegat illi mbaghad regghu bdew jillatikaw hija u l-imputat u l-habib ta' l-imputat Charles, qalilha: "Jaqbillek titlaq minn *hawn*." Hija qabdet it-triq biex titlaq. Fethet il-bieba tal-vann taghha. Spjegat li Charles beda' jaghti fuq il-bieba tal-vann taghha u beda' jiftaha u jaghlaqha.

Spjegat li mbaghad mar l-imputat. <u>Mar jigri ghal fuq il-bieba</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti). Minn hemm u minn hawn hija ghalqet il-bieba u startjat il-vettura, fis-sens illi wkoll dahlet gol-vettura u telqet. Marret taghmel rapport l-Ghassa. U nnutat illi kellha zewg (2) daqqiet. Kien hemm marki ta' daqqiet fuq il-vettura taghha. Spjegat illi wahda mid-daqqiet qieghda fuq in-naha tax-xellug tal-bieba viz a viz r-*railing* u d-daqqa l-ohra li kien hemm marka fuqha kienet fuq il-bieba n-naha tax-xufier minn fejn kienet telghet hi. Dawn iz-zewg (2) marki fuq il-vettura kien ghamilhom Joseph Zammit. <u>Wahda kien meta hu kien imbuttaha ghal fuq il-bieba u l-ohra meta hu gie jigri, kif hija kienet sejra tidhol gewwa l-vann u hu taha b'idejh fuq ix-xewka tal-bieba. B'hekk spjegat illi l-hsarat fuq il-bieba ghamilhom l-imputat</u> (sottolinear ta' din il-Qorti). Spjegat illi hija dina l-bieba ghadha ma rrangatiex. Spjegat li hi skond l-istima li ghandha u esebiet il-Qorti hija ghandha hsara ta'

mitejn u tnax-il lira u erbghin centezmu (212.40). Spjegat li l-imputat ma kienx accetta l-ammont tal-istima tal-hsara.

Hija gabet *surveyor* iehor. Esebiet dina l-istima ulterjuri li hija fl-ammont ta'  mija u tlieta u sittin lira u erbgha u sebghin centezmu (163.74) oltre *survey fee* ta’ ghoxrin (20) lira Maltin. Dana d-dokument esebietu bhala Dok. JBT 1. Spjegat illi l-imputat kien qalilha illi l-ewwel stima l-ammont kien hafna u ghalhekk ma kienx qabel mieghu. Xtaqet tghid ukoll li hija kellha l-istickers ta' mal-bieba li dawn ukoll gratilhom hsara u dawna m'humiex imnizzlin fl-ebda wahda mill-istimi li hawn esebiti f'din il-kawza. Spjegat illi hija dawn l-istickers xtrathom u tipprometti illi f'seduta ohra tipprezenta l-ircevuta relattiva.

Illi nhar it-12 ta’ Mejju, 2009 xehdet **Josephine Borg** u spjegat illi kif ippromettiet fid-deposizzjoni taghha li hija tat fis-seduta tal-20 ta' Gunju, 2008 ipprezentat l-ircevuta rigwardanti l-istickers li hija semmiet fid-deposizzjoni tal-20 ta' Gunju, 2008 liema dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok SNG 1.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami xtaqet tghid illi d-dokument li esebiet illum Dok SNG 1 hija ircevuta u din giet mahruga fit-13 ta' Frar, 2009 pero' hija l-istickers kienet xtrathom ferm qabel. L-ewwel ircevuta originali li kellha kienet ghaddietha lill-Pulizja u ghalhekk hija mbaghad talbet biex tinhargilha ricevuta

ohra ghaliex l-ircevuta originali kienet spiccat ghand il-Pulizija. Giet mistoqsija mid-difiza allura ghaliex lil tal-hanut ma qaltlux biex jaghmlilha *photocopy* tal-original u spjegat illi dwar din ma kinitx taf. Hija talbitu biex johrogilha ricevuta u fil-fatt inharget l-ircevuta li esebiet illum.

Jidhrilha li hi lil tal-hanut talbitu l-ircevuta darbtejn u darbtejn zammilha l-VAT talli hargilha ricevuta. Spjegat illi kien hemm in-necessita' illi hija terga' tixtri l-istickers ghaliex biex isir *spraying* fuq il-vann l-istickers kellhom jinqalghu u hija ma setghetx taqla' wahda biss imbaghad izomm tan-naha l-ohra ghaliex dawn biex ikunu jaqblu trid bilfors tibdilhom it-tnejn. Bilfors kellu jsir *spray* mal-bieba ghaliex hija kellha daqqa.

Spjegat illi dina d-daqqa li mbaghad allura kien hemm bzonn il-htiega ta' *spray* kien ghamilielha l-imputat fl-okkazzjoni li hija diga' xehdet dwarha u din ix-xewka tal-bieba fuq in-naha tal-lemin, in-naha tax-xufier li waslet li kien hemm bzonn bilfors li mbaghad isir *spray*. Spjegat li x-xewka tal-bieba hija l-parti tal-bieba fejn ikun hemm qisu dahla.

Illi nhar is-16 ta' Frar, 2009 xehdet **Amanda Borg** u spjegat illi fit-23 ta' Settembru 2005 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija gewwa Hal-Qormi, spjegat illi dakinhar hija kienet qieghda fil-karozza flimkien mal-gharus taghha quddiem id-dar taghha. L-

gharus taghha jismu Daniel Muscat. Spjegat illi kien hemm hemm fuq il-post Joseph Zammit li gharfitu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Spjegat illi dan beda jdur mal-karozza tal-gharus taghha. Dak il-hin hi u l-gharus taghha kienu qeghdin fil-karozza tieghu cioe' tal-gharus taghha. Spjegat illi dana l-imputat Joseph Zammit ghandu garaxx hdejn ir-residenza taghhom u spjegat li dan dahal fil-garaxx tieghu. Dan hareg *pipe* tal-ilma u beda jxarrab bil-*pipe* tal-ilma l-karozza tal-gharus taghha. Huwa wkoll beda jghid kliem oxxen u beda jidghi. Hija cemplet lill-*mummy* taghha Josephine Borg. Dak il-hin lil ommha kienet fuq xoghol pero' mbaghad marret fuq il-post. X'hin waslet fuq il-post ommha marret tkellem bil-kelma t-tajba lill-imputat. Hija kienet ghadha fil-karozza tal-gharus taghha. Spjegat illi f'daqqa wahda l-imputat qabad jillatika ma' ommha Josephine. Hija u l-gharus taghha hargu mill-karozza u marru biex jifirduhom.

Spjegat illi hija nnutat illi l-imputat Joseph Zammit kien qabad jaghti lil ommha u ghalhekk huma marru biex jifirduhom. Sadanittant l-imputat kien lahaq qabel ma ntervjenew huma mbotta lil ommha u din spiccat fuq in-naha tal-vann *registration number* HMY - 242 li jappartjeni lill-mama' taghha u ghalhekk il-mama' imbaghad spiccat fuq in-naha tas-*sliding door* in-naha tal-lemin fejn hemm il-bieb tal-passiggiera. Huma rnexxielhom jifirduhom. Il-mama' taghha kienet sejra bil-vann li semmiet, fil-fatt kienet tiela' biex issuq ha titlaq. Spjegat li mbaghad l-imputat Joseph Zammit gera girja lejn in-naha tal-mama'. Dan ta daqqa bil-

bieba tax-xufier tal-istess *mini van* HMY - 242. Dak il-hin ukoll l-imputat ta daqqa ta' ponn, daqqa bil-ponn fuq l-istess bieba.

Imbaghad il-mama' taghha Josephine Borg saqet minn fuq il-post u l-imputat baqa' fuq il-post. Imbaghad l-gharus taghha Daniel telaq u hija dahlet gewwa d-dar taghhom. Xtaqet tghid illi l-ghada hija fuq il-vann HMY - 242 innutat hsarat. Spjegat l-ewwel hsara li nnutat kienet fuq il-bieba *sliding* tan-naha tal-lemin tal-imsemmi vann HMY - 242 in-naha tal-passiggieri. Spjegat illi kien hemm ghafsa li kienet tikkorrispondi fejn il-gurnata ta' qabel Joseph Zammit kien imbotta lil ommha fuq din il-bieba. Spjegat ukoll li nnutat li kien hemm hsara mal-pilastru tal-bieba tax-xellug li tikkorrispondi fejn il-gurnata ta' qabel l-imputat kien ta bid-daqqa tal-bieba tax-xellug lil ommha u wara mbaghad lil ommha kien ukoll taha daqqa ta' ponn.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjegat fuq domanda li qed taghmlilha d-difiza illi in kwantu ghall-passat hija u l-gharus taghha qatt ma kellhom xi argumenti fil-passat hija taqbel. Xtaqet tghid illi u dan fuq domanda li qed taghmlilha d-difiza, illi fil-hin li l-imputat kien hareg bil-*pipe* u xehet l-ilma fuq il-karozza tal-gharus taghha, l-imputat ma kienx qieghed jahsel il-vann tieghu kif qed jigi suggerit mid-difiza.

Giet mistoqsija mid-difiza jekk huwiex minnu illi meta waslet fuq il-post ommha Josephine Borg, ma marritx tkellem lill-imputat bil-kelma t-tajba, anzi marret fuqu u marret biex tiggranfalu wiccu, biex taggredih kemm verbalment u kemm fizikament, dwar dan spjegat li mhux veru. Spjegat li fuq il-vettura tal-gharus taghha, rigwardanti dan l-incident li ghadha kif xehdet dwaru l-karozza tal-gharus taghha ma sofrietx hsara. Xtaqet tghid illi waqt dan l-argument li ghadha kif xehdet dwaru hin minnhom, certu wiehed Charlie li huwa habib tal-imputat, tfacca ma tafx minn fejn, u dan tfacca fi stadju ta' meta l-imputat Zammit kien diga' imbotta lil ommha fuq is-*sliding door* tan-naha tal-lemin tal-vann HMY - 242, in-naha tal-passigieri pero' qabel ma’ ommha kienet imbaghad ser tmur halli tidhol ghal gol-vettura biex issuq.

<u>Giet mistoqsija mid-difiza ghaliex dana Charlie ma semmietux qabel f'din id-deposizzjoni li tat illum, spjegat li hija ma semmietx lil dana Charlie qabel ghax l-uniku wiehed li kien hemm involut li beda jaghti u beda jiggranfa lil ommha Josephine Borg, kien Joseph Zammit</u> (sottolinear ta’ din il-Qorti). Spjegat illi x'hin hija u l-gharus taghha Daniel marru biex jifirdu lill-imputat minn ma' ommha Josephine Borg, dana Charlie mar u mbotta lill-gharus taghha. Hija lil dana Charlie ma ratux imiss lil ommha Josephine Borg. Xtaqet tghid illi hija u l-gharus taghha ma kienux hargu meta kienet waslet fuq il-post ommha, ma kienux hargu mill-karozza tal-gharus taghha ghaliex ommha kienet qaltilha biex huma jibqghu hemm fil-karozza halli hi tmur tkellem lil Joseph Zammit bil-kelma t-tajba.

Hija lil ommha kienet cemplitilha biex tinfurmaha x'kien ghamel Joseph Zammit bil-*mobile* taghha.

Illi nhar is-16 ta' Frar, 2009 xehed **Daniel Muscat** u spjega li fid-data tat-23 ta' Settembru, 2005 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija huwa kien qieghed fejn id-dar ta' Josephine Borg u dina d-dar ta' Josephine Borg tinsab Triq ic-Cawsli, Hal-Qormi. Spjega li huwa dak il-hin kien qieghed bil-karozza tieghu, kien ghadu kif wassal lit-tfajla tieghu Amanda Borg li din tigi bint Josephine Borg u dina biex hija mbaghad tkun tista' tohrog mill-karozza. Spjega li dak il-hin Joseph Zammit li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla, beda jdur mal-karozza tieghu u jghid ukoll kliem oxxen. Hin minnhom dana xarrab il-karozza tieghu fuq in-naha ta' wara b'*pipe* tal-ilma. It-tfajla tieghu bdiet tibza' tohrog mill-karrozza u allura t-tfajla tieghu ddecidiet li ccempel lil ommha bil-*mobile*.

Sadanittant huwa u t-tfajla tieghu baqghu fil-karozza. Imbaghad marret fuq il-post Josephine Borg u hija marret b'vann. Sadanittant dina Josephine Borg marret biex tkellem bil-kelma t-tajba lill-imputat. Huma kienu ghadhom fil-karozza. F'daqqa wahda raw lil Josephine Borg u dan Joseph Zammit l-imputat jillatikaw bejniethom. Huwa x'hin beda jara li dawn it-tnejn bdew jillatikaw bil-kliem huwa hareg mill-karozza. Spjega illi huwa kif hareg u resaq hdejn dawn it-tnejn mar izommu certu Charlie li huwa habib tal-imputat. Huwa mar fuq il-post biex jifridhom.

Sadanittant spjega li l-imputat kien imbotta lil Josephine Borg fuq il-bieba tal-isliding *door* tan-naha tal-passiggier ta' dana l-vann, spjega illi mbaghad sakemm dina Josephine Borg marret biex tipprova tidhol gol-vann, dana l-imputat kien ta daqqa bil-bieba tal-vann lil Josephine Borg u wkoll ta daqqa fuq il-bieba u dana tan-naha tax-xufier (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li meta Joseph Zammit l-imputat beda jitkellem oxxen, huwa beda jindirizza kemm lilu u kemm lit-tfajla tieghu. Xtaq jghid illi huwa qatt qabel ma kellu xi argument ma' dana Joseph Zammit. Spjega li huwa ma fehemx ghaliex dana beda jkellimhom b'mod oxxen. Li jaf huwa li qabel l-imputat kellu xi kwistjoni ma' Josephine Borg, omm l-gharusa tieghu. Spjega illi l-imputat ma kienx qieghed jahsel il-vann tieghu. Huwa hareg il-*pipe* u xarrab il-karozza tieghu. Spjega illi fit-triq fejn toqghod omm l-gharusa tieghu, u l-gharusa tieghu l-imputat ghandu garaxx li fih izomm ix-xarabanks.

Spjega illi bejn wiehed u iehor minn mindu l-imputat beda jdur mal-karozza tieghu u beda jkellimhom kliem oxxen sakemm mar gab il-*pipe* u xarrabhom bl-ilma, ghaddew xi ghaxar minuti, kwarta. Spjega illi l-*pipe* kien gia' mqabbad b'kollox. Li ghamel huwa l-imputat kien fetah il-vit u mbaghad beda jxarrab il-karozza tieghu. Gie mistoqsi mid-difiza jekk kienx hemm ilma mal-art hdejn il-karozza tieghu minn qabel, jghid li ma jafx. Xtaq jghid illi fil-

mument illi Josephine Borg marret fuq il-post u marret biex tkellem bil-kelma t-tajba lill-imputat huwa kien qieghed fil-vettura tieghu u spjega illi kien hemm distanza bejnu u bejn fejn kien hemm Josephine Borg ta' xi hames metri u spjega illi x'diskors beda jintqal ma semghux, hlief beda jisma' ghajjat.

Xtaq jispjega li fuq domanda li qieghda ssirlu mid-difiza kif allura huwa qal illi din Josephine Borg marret tkellem lill-imputat bil-kelma t-tajba meta huwa diskors ma semghux, huwa kull ma seta' jghid huwa li huwa sema' ghajjat. Innota illi ghall-ewwel dawn it-tnejn Josephine Borg u Joseph Zammit kienu qeghdin jitkellmu u mbaghad ra illi Joseph Zammit spicca bl-idejn ma' dina Josephine Borg.

Illi nhar is-17 ta' April, 2013 xehed **Jason Caruana** u spjega li xogholu huwa ta' fotografer u jigbed anke l-*videos,* filfatt ghandu kumpanija u huwa kien ikkuntattjah is-Sinjur Joseph Zammit li gharfu fl-Awla bhala l-imputat biex jigbidlu filmat ta' vann *minibus*. Dan qed jitkellmu fl-ghoxrin (20) ta' Gunju, 2008. Kienu ltaqghu Hal Qormi fejn *roundabout* u mar warajh u ha filmati ta' dan il-vann u hawnhekk seta' jipprezenta kopja tal-filmati li huwa ha li gie mmarkat bhala Dok. JC1. U hawnhekk ghandu l-ircevuta li kien tah ovvjament tax-xoghol biex kien hallsu li giet immarkata bhala Dok. JC2.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li l-video gibdu ghall-habta ta' xi s-saghtejn (2:00) ghax iltaqghu ftit qabel ghax kellu t-tifel l-iskola u ried imur ghalih. Huwa spjega li ma jiftakarx ghalfejn kien qallu biex jigbed video ta' dan il-vann ghax kien ilu hames snin. Huwa spjega li mhuwiex habib tieghu u lanqas jafu. Gie mistoqsi jispjega kif qed jghid li lanqas jafu u filghodu kien qed ikellmu u kien ilu siegha jpatpat mieghu huwa wiegeb heqq. Rega’ gie mistoqsi jekk huwiex habib tieghu jew mhuwiex habib tieghu s-Sur Zammit ghax id-difiza spjega li rah hu stess jiccaccraw flimkien hemmhekk u huwa spjega li le huwa mhuwiex habib tieghu dak huwa klijent tieghu llum il-gurnata la lilu qabbdu jaghmillu bicca xoghol. Rega’ gie mistoqsi mid-difiza jekk filghodu hux veru kien qieghed bilqieghda hemmhekk mas-Sur Zammit u qaghdu jidhku hu u s-Sur Zammit huwa wiegeb jekk kienx qed jaghmel xi haga hazina jew kontra l-ligi ghax kien qed jidhaq? Huwa spjega wkoll li mhux qed jichad.

Illi nhar il-21 ta’ April 2014 din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta u dan b’digriet ta’ assenjazzjoni tal-Prim Imhallef u din il-Qorti kif preseduta appuntat din il-kawza ghas-smiegh quddiemha ghal nhar id-9 ta’ Gunju 2014 fejn f’din is-seduta l-Ufficcjal Prosekutur ma kienx prezenti.

Illi fis-seduta sussegwenti u cioe’ nhar is-7 ta’ Lulju 2014 dehru l-partijiet u d-difiza talbet li jitharrek tabib ghad-difiza taghha u l-kawza giet differita ghal nhar id-29 ta’ Lulju 2014.

Illi nhar id-29 ta’ Lulju, 2014 xehed **Dr. Mark Gingell Littlejohn** u kkonferma li kien ezamina lil Joseph Zammit detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 808457(M) u dana fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru, *two thousand and five* (2005) gewwa l-isptar San Luqa. Spjega li kellu gidma fuq il-*forearm* tan-naha tal-lemin u kellu wkoll girfa f'wiccu fuq in-naha tal-lemin fil-*maxillary area*. Huwa klassifika dawn il-griehi bhala ta' natura hfief. Esebixxa certifikat mediku rilaxxat minnu dakinhar li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z.

Illi wara li xehed Dr. Gingell Little John il-partijiet itrattaw il-kaz u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

M’hemmx dubju li din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita’ tax-xhieda li semghet il-Qorti (ghalkemm fil-parti kbira minn din il-Qorti diversament preseduta ) u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-**Artikolu 637** tal-Kap 9. Ghalhekk bhala gudikant din il-Qorti ma tistax taghti qies l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda li lahqu ddeponew quddiem din il-Qorti diversament preseduta izda sejra taghti kaz tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda

taghhom, jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti mhix f'posizzjoni vantaggjata ghal hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process tul medda ta' zmien, ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, ma setghetx tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, ghalkemm xorta tista tikonstatata  x'interess seta’ ghandu  kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita’ tax-xhieda w dan hu proprju l-ezercizzju li ser taghmel din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid il-verita’ jew ma huwiex. Pero’ fic-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat m’huwiex hati tad-delitt imputat lilu ta’ hsara volontarja , trid ukoll tasal ghal konkluzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura minn persuni – l-ex-gharusa tieghu u ommha - biex jaddebitawlu delitti li ma kkommettiex.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita’.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-**Artikolu 40 Subinciz 5** tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:-

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** – vol. III, Kap. IV, pg. 236, Ediz. 12 - 1890:

*"il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire, spetta ai chi accusa onus probandi incumbit qui asserit."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997, fejn il-Qorti tenniet li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. In fatti **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of**

**Pensions** [1974] 2 All ER 372, jaghti bhala spjegazzjoni ghall-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*" is-segwenti:

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to detect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice.*"

Il-Qorti hawnhekk taghti spjegazzjoni tat-tifsira wzata komunement u cioe' li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

Issa fil-kaz in desamina l-Prosekuzzjoni resqet bhal xhud ewlieni taghha lil Josephine Borg, il-kwerelanti li kkonfermat bil-gurament li hija kienet marret l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi nhar it-23 ta' Settembru 2005 tirraporta li l-imputat odjern kien ikkaguna hsara volontarja fuq il-mini bus taghha numru ta' registrazzjoni HMY 242. Spjegat li hija marret tkellem lill-imputat u talbitu sabiex ihalli lil bintha Amanda Borg bi kwieta u ma jkomplix idejjaqha u jitfalha l-ilma fuq il-vettura tal-gharus gdid taghha

Daniel Muscat. Tghid li wara bdew jitlewmu u l-imputat gera warajha mbuttaha fuq il-bieba tal-vann u kkawzalha hsarat kif jirrizulta mill-istima esebita fl-atti mahruga minn Philip Zammit mmarkata bhala Dok JBT 1 (fol. 36). Tghid li dan kollu gara fil-presenza ta' bintha Amanda Borg u l-gharus taghha Daniel Muscat.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil dawn iz-zewg xhieda Daniel Muscat u Amanda Borg u t-tnejn ikkoloboraw dak li qalet Josephine Borg u cioe' li kien l-imputat li ghamel il-hsara volontarja fuq il-bieba tal-mini bus tal-kwerelanti u dan meta kif tghid Josephine Borg ex admisses *"Dawn iz-zewg (2) marki fuq il-vettura kien ghamilhom Joseph Zammit. <u>Wahda kien meta hu kien imbuttaha ghal fuq il-bieba u l-ohra meta hu gie jigri, kif hija kienet sejra tidhol gewwa l-vann u hu taha b'idejh fuq ix-xewka tal-bieba. B'hekk spjegat illi l-hsarat fuq il-bieba ghamilhom l-imputat.</u>*

L-imputat ma xehdx u lanqas ma rrilaxja stqarrija izda ghazel li jressaq xhud u cioe' lil Jason Caruana u dan sabiex ixekkel ix-xhieda moghtija minn Josephine Borg. Jinghad li Josephine Borg xehdet nhar l-20 ta' Gunju 2008 ( fol. 32) u qalet li dakinhar li kienet qed tixhed il-vettura taghha tal-ghamla mini bus numru ta' registrazzjoni HMY 242 kien ghad kellha l-hsara li kienet giet kagunata mill-imputat. Fil-fatt ex admises tghid *"jien il-bieba ghadni ma irrangajthiex".* Issa Jason Caruana, li huwa fotografu u xoghlu hu li jigbed il-videos jghid li effettivament nhar l-20 ta'

Gunju 2008 huwa kien iltaqa' Hal Qormi mal-imputat u ha xi filmati tal-mini bus tal-kwerelanti u fil-fatt eswebixxa kopja ta' dan il-fimat li gie mmarkat bhala Dok JC 1 u fil-fatt esebixxa wkoll kopja tal-ircevuta tal-hlas li kien ircieva minghand l-imputat li hija mmarkata bhala Dok JC 2 (fol. 80) datata 21 ta' Gunju 2008. Mistoqsi jekk kienx jaf lill-imputat jghid li ma kienx jafu u mhux habib tieghu. Jghid li una volta kien tah bicca xoghol illum jikkunsidrah bhala klijent u kien ghalhekk li kellmu. Huwa kkonferma li fuq dan il-mini bus ma kienx hemm hsara kif setgha jigi verifikat mill-esibizzjoni ta' dan il-filmat.

Issa dwar dan id-difiza ma ghamlet xejn u cioe' minkejja li kienet taf li kien hemm din l-allegazzjoni li in efffetti hsara fuq il-mini bus ma kienx hemm minkejja li l-kwerelanti qalet li l-hsara kienet ghada hemm. Ma talbitx ghan-nomina ta' espert mill-Qorti sabiex icahhad dak li qal dan ix-xhud prodott mid-difiza. Ghalhekk zgur li dan il-fatt jitfa' dubju dwar il-kredibilta ta' din ix-xhud u cioe' Josephine Borg l-kwerelanti.

Kwistjoni ohra li titfa dubju dwar il-konsistenza tax-xhieda ta' Josephine Borg hija dak li qalet dwar il-hrug tal-ircevuta dwar l-allegat stickers li kien hemm imwahhla fuq il-vettura. Inghad li fix-xhieda taghha Josephine Borg tghid li fuq il-vettura taghha kellha xi stickers li kellhom jinqlaghu u jsiru mill-gdid u dawn kienu swewla s-somma ta' sittax-il lira Maltin ghalkemm tghid li dawn l-

istickers ma jinsabux imnizzla fiz-zewg stimi esebiti minnha Dok PCP u Dok JBT 1. Tghid li hija kienet xtrat dawn l-istickers u ppromettiet li tesebixxi kopja tal-ircevuta taghhom (fol. 35). Hija fil-fatt nhar it-12 ta' Mejju 2009 esebiet kopja ta' l-ircevuta ta' dawn l-allegat stickers Dok SNG 1 (fol. 50). Mistoqsija kif din l-ircevuta hija datata 13 ta' Frar 2009 meta effetivament tghid li kienet xtrathom qabel l-incident li sehh nhar it-23 ta' Settembru 2005 tghid li l-ircevuta originali li kellha kienet ghaddietha lill-pulizija u wara kienet marret u talbet li tinhareg ricevuta ohra. Mistoqsija ghaliex ma talbitx lil tal-hanut jghamlilha photocopy tal-ircevuta originali tghid li ma kienitx taf. Tghid li fil-fatt ghalhekk hija kellha thallas il-VAT darbtejn. Qalet li llum ghandha tixtri l-istickers qabel ma jsir l-ispray ghaliex biex isir l-ispray l-istickers iridu jinqalghu u ma jistghux jergghu jitwahhlu l-istess stickers.

Illi in oltre jirrizulta wkoll li fix-xhieda ta' Josephine Borg u ta' bintha Amanda u siehba Daniel Muscat allegatament l-imputat kien hebb ghalihom u tahom bil-ponn pero' stranament akkuzi f'dan ir-rigward ma hargux.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak kollu li gie rilevat aktar il-fuq din il-Qorti wara li rat l-artikolu tal-ligi u cioe' l**-Artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JOSEPH ZAMMIT hati u tilliberah minn din l-akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------